# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12

23 ta' April, 2020

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iddeċieda li ssir din il-laqgħa permezz tas-sistema online bil-Microsoft Teams® (skond Ċirkulari 03/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali) fit-2.42 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nru. 12

12.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 11 – 9;
12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
12.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
12.5 Komunikazzjoni;
12.6 Ilmenti u Suġġerimenti;
12.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 4/2020;
12.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella beda billi qal li fid-dawl ta dawn iċ-ċirkostanzi li għaddejjin minnhom madwar id-dinja b'din il-pandemija tal-COVID-19 din il-laqgħa qed terġa issir permezz ta' sistema *online* ta' Microsoft Teams® skond Ċirkulari 03/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, hu kompla billi ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 12 .1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

12.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 11 - 9

12.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 11 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill, dawn se jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

12.3.1 Is-Sindku qal li dwar il-proġett ta' Triq Sannat il-Kuntrattur għadu għaddej bix-xogħolijiet fuq din it-triq. Dan l-aħħar il-Kunsill affaċja problema dik mall-kumpanija Go p.l.c., peress li meta kienu qed isiru l-pajpijiet tad-drenaġġ ta' quddiem il-Kunsill, il-Kuntrattur sab cable tat-telefown fil-wiċċ tat-triq. Għalhekk issejjaħ il-Perit tal-proġett u l-Manager tal-Go p.l.c. biex jaraw din il-problema b'hekk intalab biex isiru trial holes biex jaraw dan il-cable fejn hu eżatt biex ma ssirx ħsara u r-residenti ma jkunux bla linja f'dan iż-żmien ta' pandemija. Il-Kunsill qed jitlob li dan il-cable jgħaddi mis-service culvert il-ġdid li sar apposta għal dawn is-servizzi bi spejjeż tal-Go p.l.c. dan għaliex jekk jinsab fil-wiċċ tat-triq hu ħażin għaliex it-triq ser titbaxxa b'xi 6 pulzieri. Il-Kunsill kellu jikkommunika bl-avukat mall-kumpanija Go p.l.c fuq dan ir-rigward. Wara sar qbil li dawn jitbaxxew. Wara se jkun imiss li tibda titqaxxar it-triq u jsiru l-crossings fit-triq minn service culvert għall-ieħor. Il-Viċi Sindku staqsiet sa fejn se titqaxxar it-triq. Is-Sindku wieġeb li din se tasal sal-kantuniera tal-iskola. Is-Sindku qal wkoll li din it-triq mill-lum ingħalqet kompletament għat-traffiku. Is-Sindku qal li l-Kunsill talab lill-MELP biex is-siġar tal-palm Washingtonia li hemm fic-central strip in-naħa ta' Triq ix-Xewkija jinqalgħu u jitħawlu mill-ġdid fuq il-wesgħa tal-bankini n-naħa ta' Triq Marziena skond il-pjanta l-ġdida tal-junction approvata minn Transport Malta, sadanittant intalbet kwotazzjoni mingħand l-ELC biex jkun jista isir dan ix-xogħol. Il-Kunsillier Tewma staqsa sa meta se jkun lest dan il-proġett. Is-Sindku wieġeb li għan-nofs jew għall-aħħar ta' Mejju għandha tingħata l-ewwel kisja tarmak. Il-Kunsill qed jippjana li dan ix-xogħol jitlesta sa l-aħħar ta'Mejju u b' hekk tingħata l-ewwel kisja tat-triq. Il-water culvert li hemm fi Triq ix-Xewkija mhux ser tiġi distrutta u ser tintuża biex jgħaddu xi wires tal-EneMalta nkluż dawk li hemm fil-preżent. Is-Sindku qal li t-triq issa ser tkun magħluqa għat-traffiku u għandha tinstab rotta oħra, b'hekk il-kuntrattur ser ikun jista jibda jqaxxar din it-triq.

12.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-applikazzjonijiet għan-nominazzjonijiet ta' Premju Ġieħ Sannat 2020 għalqu nhar il-Ġimgħa 3 ta' April 2020 u kien hemm 2 nominazzjonijiet li dawn innominaw lill-istess persuna. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma b'dan lil kull Kunsillier. Il-Kunsill wara li qal li ra l-applikazzjonijiet qabel ma din in-nomina u qal li peress li din is-sena sa ssa l-

attivita' li suppost kellha ssir nhar is-Sibt li ġej 25 ta' April 2020 ġiet kkanċellata minħabba l-Covid-19 u għalhekk mhux ser issir din is-sena, l-Kunsill ħass li dan il-premju xorta għandu jingħata s-sena d-dieħla waqt l-attivita ta' Jum Sannat 2021. Is-Sindku qal li rigward l-applikazzjoni għan-nominazzjoni tar-rikonoxximent Żagħżugħ/a tas-sena ma kienx hemm nominazzjonijiet din is-sena u hu ssuġġerixxa li peress li s-sena l-oħra kien hemm żewġ nominazzjonijiet u li fil-fehma tiegħu t-tnejn kienu tajbin il-premju ta' din is-sena għandu jingħata lil dik li ma ħaditux is-sena l-oħra biex b'hekk ukoll niċċentivaw aktar żgħażagħ biex jaħdmu fil-qasam tal-volontarjat. Il-Kunsill qabel ma dan.

12.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill Lokali li nhar it-Tnejn 13 ta' April 2020 fi Triq Ta' Ċenċ kuntrattur bil-permess kien għaddej b'xogħolijiet ta' kostruzzjoni fuq binja ġdida bil-krejn u b'inċident laqat u kisser bozza bin-numru 058/56. Dan kiteb li hu lest li jħallas għal ħsara li saret. Meta tkellimna mall-Kuntrattur tad-Dwal fit-toroq biex jiġi eliminat il-periklu, il-kuntrattur qal li din il-bozza trid tinbidel kompletament. Il-Kuntrattur ġie nfurmat b'dan u lest li jħallas l-ispiża ghalhekk intalbet stima u ntbgħat invoice.

12.3.4 Is-Sindku qal li dalgħodu stess  il-Kunsill irċieva diversi lmenti li fi Triq Bardan hemm siġra tal-ħarrub b' żokk oħxor miksura u perikoluż li ser jaqa' fit-triq. Il-Kunsill kiteb lill-Pulizija u lill-ERA dwar il-każ. Il-Kunsill lokali ġab l-approvazzjoni biex dan il-periklu jitneħħa.

12.3.5 Is-Sindku qal lill-Kunsill li r-Reġjun Għawdex informa li b'rabta mal-Memorandum of Understanding li kien ġie ffirmat fl-20 ta' Marzu 2020 bejn ir-Reġjun Għawdex u l-Fundazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali qed jinfurmaw li l-fergħa ta' Għawdex f'dan iż-żmien ta' pandemija fejn hemm xi individwi jew familji li waqgħu fi stat ta' faqar ġew afdati bit-tqassim tal-ikel kif ukoll qed jgħinu billi joffru saqaf għal min spiċċa bla akkomodazzjoni kif ukoll is-servizz ta' Psychoterapist. Għalhekk f'każ li l-Kunsill jiġi avviċinat minn xi persuna/i li sfaw f'din id-diffikulta, il-Kunsill għandu jgħin b'dan.

## 12.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

12.4.1 Il-Kunsillier Tewma staqsa lill-Kunsill fhiex wasal il-kwestonarju dwar it-traffic management tal-lokal. Is-Sindku wieġeb li dan il-kwestjonarju għandu jkun lest, jiġi diskuss u jitqassam wara din il-pandemija.

## 12.5 Komunikazzjoni

12.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkulari mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li din ġiet iċċirkulata lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Din kienet:

Ċirkulari Numru SPI/02/2020 Ċertifikazzjoni għal *Cat Feeders* b'Rabta mal-COVID-19

12.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

26 ta' Marzu 2020 Cir AKL 2020/027 – Għeluq tal-Playing Fields. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-playing field fi Triq Marziena ġie magħluq.
1 ta' April 2020 Cir AKL 2020/028 – Ħlas ta' kirjiet dovuti lill-Awtorita' tad-Djar u lill-Awtorita' tal-Artijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li r-residenti ġew infurmati permezz tal-paġna ta' facebook ta YouSafeSannat.

3 ta’ April 2020 – YouSafe – Link mal-Paġna tal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dan sar.
3 ta’ April 2020 – Cir AKL 2020/029 – Proġett għall-Anzjani fuq il-Pjattaforma Yousafe.
4 ta’ April 2020 – Cir AKL 2020/30 – Informazzjoni dwar il-COVID 19 b’ lingwi differenti – UNHCR b’ kollaborazzjoni mal-YouSafe.
06 ta’ April 2020 – Cir AKL 2020/31 – Ħaddiema mal-Kuntratturi ta’ ġbir ta’ skart u ndafa pubblika li ġejjin miċ-Ċentru Miftuħ ta’ Ħal-Far.
06 ta’ April 2020 – Cir AKL 2020/032 – Tnedija tal-ewwel sejħa – Proġett EUCF Webinar għada 7 ta’ April.
6 ta’ April 2020 – Cir AKL 2020/033 – ALDATalk#5 on Intercultural Dialogue – Reġister now!
8 ta’ April 2020 – Cir AKL 2020/034 Invitation – Meeting with members (Greece/Portugal/Spain/Malta) – COVID-19 Crisis Management
8 ta’ April 2020 – Cir AKL 2020/035 EPOS Machines. Il-Kunsill ma qabilx li jkollu din il-EPOS machine peress li ma jkunx hawn ammonti kbar.
9 ta’ April 2020 – Cir AKL 2020/032 – Tnedija tal-ewwel sejħa – Proġett EUCF Webinar għada 7 t’April
09 ta’ April 2020 – Contact Details Update – Sannat LC
17 ta’ April 2020 – Cir AKL 2020/024 – LIFE Calls for proposals 2020
17 ta’ April 2020 – Cir AKL 2020/035 – EPOS Machines
20 ta’ April 2020 – Cir AKL 2020/036 – Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv
22 ta’ April 2020 – Cir AKL 2020/ 037 – BOV – Depożitu ta’ muniti mill-Kunsilli Lokali
22 ta’ April 2020 – Cir AKL 2020/038 – Lista ta’ NGOs/VO fil-lokalitajiet

## 12.6 Ilmenti u Suġġerimenti

12.6.1 B’referenza għall-ilment numru 01/2020, resident talab li ssir bankina quddiem l-binja ġdida tiegħu fi Triq Ta’ Ċenċ. Dan l-ilment intbgħat bis-sistema tal-Works request system tal-Ministeru għal Għawdex.

12.6.2 B’ referenza għall-ilment numru 02/2020, residenta min Triq Żabetta qed titlob li jitwaħħlu tabelli biex il-klieb ma jħammġux f’din it-triq. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

12.6.3 B’ referenza għall-ilment numru 03/2020, residenta li toqgħod fi Triq Paranji qed titlob li jiġu ippeċċjati ħofor kbar u perikolużi fl-istess triq. Il-Kunsillier Bajada staqsa jekk hux possibli li meta jkun qed jiġi scarifying ta’ Triq Sannat hux possibli li dawn il-ħofor jistgħux jimtelw b’dan il-materjal. Il-Kunsill għandu jara jistgħax isir dan.

12.6.4 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand kollettur tal-postcards fejn talab postcard Ta’ Sannat. Is-Sindku qal li l-Kunsill fil-preżent ma għandux postcards u għandu jaħseb biex jipprintja b’hekk ikun qed jgħamel reklam lill-Kunsill stess. Il-Kunsill qabel ma dan.

12.6.5 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team – MGOZ* rigward ħofor fi Triq Tal-Lewz. Dwar dan l-ilment il-Kunsill nforma li din it-triq ma taqgħax taħt il-konfini tiegħu.

12.6.6 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team – MGOZ* ħaxix ħażin fi Triq Tal-Gruwa. Dwar dan il-qtugħ tal-ħaxix fi Triq tal-Gruwa għandu jibda jinqata fil-jiem li ġejjin mill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill.

12.6.7 Il-ħaddiema assenjati mall-Kunsill infurmaw li fi Triq Bardan instabet mera miksura. Il-Kunsill qabel li din għandha tinbidel.

12.6.8 Residenta minn Ta’ Sannat qalet li għandha xi dvd’s qodma u xtaqet tgħaddihom lill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jara x’dvd’s huma.

## 12.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 4/2020

12.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta’ pagamenti Nru. 4/2020 li kienet inbgħatet permezz ta imejl biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Clayton Tewma u ssekondata mill-Kunsillier Steven Gauci. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta’ din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta’ din il-laqgħa.

## 12.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

12.8.1 Il-laqgħa ntemmet fl-3.45 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 21 ta’ Mejju 2020, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 21 ta’ Mejju, 2020

| | |
|---|---|
| (iffirmata) | (iffirmata) |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |